MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 154/2000/1

**Carmelo Mifsud.**

**vs.**

**Giuseppi Schembri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici ppresentata fis-27 ta' Jannar 2000 a fol. 1 fejn l-attur ppremetta:-

Illi l-attur jiddetjeni l-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Hanzira" limiti taz-Zurrieq/Safi b'titolu ta' qbiela minghand il-konvenut kif suggetta ghall-qbiela ta' zewg (2) liri Maltin fis-sena b'lura, u l-ahhar skadenza fil-15 ta' Awissu u dan kif jirrizulta minn kopji tal-kuntier hawn annessi u mmarkati bhala Dok. "A" sa Dok. "F" rispettivament; u illi l-qbiela koncessa lill-attur ghadha vigenti u dan jirrizulta mill-

ircevuta mahruga mill-konvenut hawn annessa u markata bhala Dok. “F”; u li l-attur fl-ebda hin ma ceda il-qbiela lilu koncessa jew b’xi mod irrinunzja ghaliha; u illi l-konvenut bil-mohbi tal-attur, bil-vjolenza u b’mod abbusiv, personalment dahal fl-ghalqa mqabbla lil attur, u ghad li l-attur kellu l-wicc mizruh, mar biex ikompli jizra, jonqox u jahdem il-kumplament, il-konvenut laqghu u ddikjara unilateralment li huwa kien ha l-ghalqa f’idejh u l-attur ma ghandux jersaq hemm izjed; u illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll u jaghti lok ghall-ezercizzju tal-azzjoni ta’ spoll pprivilegjat.

Illi l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz li l-konvenut kkommetta spoll fil-konfront tal-attur meta abbusivament, klandestinament, u bi vjolenza dahal fl-ghalqa maghrufa “Tal-Hanzira” fiz-Zurrieq/Safi u hemmhekk, ghad li l-attur kien diga` kellu il-wicc mizruh, il-konvenut iddikjara unilateralment li huwa kien ha l-ghalqa f’idejh u li l-attur ma ghandux jersaq l-hemm izjed b’mod illi l-attur gie spossessat mid-drittijiet ta’ qbiela lilu koncess u il-godiment ta’ l-ghalqa mertu ta’ l-istess kif indikat aktar il-fuq;

2. Jigi il-konvenut ordnat u kkundannat sabiex jipprestina lill-attur fid-drittijiet u godiment ta’ qbiela lilu koncess kif spjegat aktar il-fuq, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti ;

3. Tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas jidhol fl-istess ghalqa u jerga’ jirriprendi l-pussess ta’ l-istess taht dawk l-istess drittijiet ta’ qbiela kif originarjament lilu koncessi u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, u jekk ikun il-kaz, a spejjez ta’ l-istess konvenut;

B’riserva ta’ kull azzjoni ohra ghad-danni kontra l-konvenut u bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt sabiex jixhed u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti mal-istess citazzjoni attrici.

Rat id-dokumenti mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “F” mac-citazzjoni attrici konsistenti f’ricevuti ta’ qbiela favur Ganni Mifsud iffirmati minn Giuseppi Schembri mis-sena 1980 sas-sena 1999 kollox minn fol. 5 sa fol. 10 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 8 ta’ Frar 2000, fejn l-istess konvenut ecceppixxa:-

1. Illi l-lokazzjoni imsemmija fic-citazzjoni kienet giet terminata bi ftehim bejn il-kontendenti u ghalhekk ma kienx hemm, u lanqas seta’ kien hemm xi spoll minn naha tal-konvenut. *Se mai* seta’ kien hemm spoll minn naha tal-attur in segwitu ghall-imsemmi ftehim.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 14 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** a fol. 16 tal-process datata 8 ta’ Frar 2000, fejn ippremetta :-

Illi l-konvenut gie mharrek mill-attur biex jigi dikjarat li huwa kkometta spoll fil-konfront tal-attur meta dahal fil-ghalqa maghrufa “Ta Hanzira”, Zurrieq/Safi u biex jigi kkundannat jipprestina lill-attur fil-godiment u drittijiet ta’ qbiela tal-istess ghalqa; u peress li fil-fatt il-lokazzjoni tal-istess ghalqa giet terminata bi ftehim bejn il-kontendenti u kwindi l-pretensjoni tal-attur rikonvenut li gie mwaqqaf milli jidhol fl-istess ghalqa hija ghal kollox infondata billi l-attur, in segwitu ghall-istess ftehim, ma kien baqaghlu ebda drittijiet ta’ lokazzjoni fuq l-istess ghalqa.

Illi ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-lokazzjoni tal-ghalqa “Ta’ Hanzira” iz-Zurrieq/Safi kienet giet terminata bi ftehim bejn il-kontendenti u kwindi l-pretensjoni tal-attur rikonvenut li gie mwaqqaf milli jidhol jahdem fl-istess ghalqa hija ghal

kollox infondata *stante* li in segwitu ghall-istess ftehim, l-attur rikonvenut ma kienx baqaghlu ebda drittijiet ta' lokazzjoni relattivi ghall-istess ghalqa, bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut li huwa imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut ghall-kontro-talba tieghu a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat a fol. 20 tal-process fejn l-istess attur ecceppixxa:-

(1) Illi preliminarjament l-inammessibbilta' tat-talba rikonvenzjonali *stante* illi t-talba promotorja tal-attur rikonvenzjonat hija wahda ta' spoll li min-natura taghha tirrikjedi li qabel kwalunkwe talba li l-konvenut jista' jressaq, irid l-ewwel jipprestina lill-attur fil-pussess li minnu gie spoljat.
(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *stante* illi materja ta' qbiela hija kompetenza tal-Bord li Jirregola l-kera.

(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut rikonvenzjonat ghandu jissostanzja dak li qieghed jallega u cioe' li l-attur ta l-kunsens tieghu ghat-terminazzjoni tal-qbiela minnu indikata.

(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet rikonvenzjonali jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut rikonvenzjonat *stante* illi mhux minnu dak li qieghed jallega li kien hemm xi ftehim jew xi intenzjoni da parti tal-attur li jcedi l-kirja ta' ghalqa mertu tac-citazzjoni odjerna.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur annessa mal-istess eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro talba a fol. 24 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2000 fejn xehdu **Carmelo Mifsud** u **Anna Mifsud** u l-attur iddikjara li m'ghandux iktar provi; xehed ukoll **Giuseppi Schembri** u

l-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut ghas-17 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2000 fejn xehed Anthony Schembri u l-konvenut iddikjara li ma ghandux provi izjed dwar il-kawza tal-ispoll, u il-kawza thalliet ghall-21 ta' Gunju 2000 ghat-trattazzjoni dwar il-kawza tal-ispoll.

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 2000 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u d-difensur ta' l-attur ipprezenta nota ta' l-osservazzjonijiet b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti u gie prefiss terminu ta' hamsin gurnata mill-istess data sabiex l-istess attur jipprezenta nota responsiva b'kopja lill-kontroparti, w il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-azzjoni ta' spoll ghall-25 ta' Ottubru 2000.

Rat is-sentenza dwar ic-citazzjoni attrici ta' l-ispoll datata 25 ta' Ottubru 2000 fejn gew milqugha it-talbiet attrici kollox kif jidher indikat fl-istess decizjoni a fol.71 sa fol. 85 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-attur informa lill Qorti li l-attur gie reintegrat fil-pussess tieghu ta' l-ghalqa u dwar dan ghandu jigi pprezentat rapport mill-perit tekniku nkarigat mill-Qorti u l-kawza giet differita ghall-provi u trattazzjoni dwar l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tal-attur ghat-28 ta' Frar 2001.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Frederick Doublet datat 29 ta' Novembru 2000

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 18 ta' Mejju 2001 sabiex jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri u r-risposta tal-konvenut datata 4 ta' Gunju 2001 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 31 ta' Awissu 2001 fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-attur rikonvenzjonat datata 18 ta' Mejju 2001 a fol. 87 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti *ratione valoris* u dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra maghmula mill-attur fin-nota ta’ eccezzjonijiet minnu maghmula, liema eccezzjoni l-Qorti cahdet li tigi pprezentata skond digriet gja imsemmi datat 31 ta’ Awissu 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Frar 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha dwar l-ewwel zewgt eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut; tas-27 ta’ Gunju 2001; tal-11 ta’ Lulju 2001; tal-15 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tal-31 ta’ Awissu 2001 u xehed il-konvenut **Giuseppi Schembri** u l-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut ghad-9 ta’ Jannar 2002; tad-9 ta’ Jannar 2002; tal-10 ta’ April 2002 fejn xehed **Anthony Schembri** u fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-15 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-15 ta’ Mejju 2002 u tat-18 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 3 ta’ Marzu 2003; 7 ta’ Mejju 2003; 25 ta’ Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-provvediment; 26 ta’ Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop; 13 ta’ Frar 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop; tat-28 ta’ April 2004 fejn inghatat sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut u l-kawza giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur dwar l-eccezzjonijiet preliminari tieghu datata 30 ta’ Mejju 2003 u dik tal-konvenut datata 23 ta’ Gunju 2003.

Rat ir-rikors datat 7 ta’ Mejju 2002 u d-digriet ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 7 ta’ Mejju 2002.

Rat ix-xhieda tal-**konvenut** datata 15 ta’ Novembru 2001 (fol. 100 sa fol. 104); x-xhieda ta’ **Anthony Schembri** datata 10 ta’ April 2002;

Rat is-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 28 ta’ April 2004 fejn giet michuda l-istess eccezzjoni kollox kif jidher minn kopja ta’ l-istess sentenza a fol. 147 sa fol. 149 tal-process.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 26 ta’ Mejju 2004 fejn Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet dwar it-tieni eccezzjoni ta’ l-attur rikonvenzjonat u l-Qorti laqghet it-talba u tat digriet ghall-istess b’terminu lil kull parti ta’ 40 gurnata;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 23 ta’ Lulju 2004 u d-digriet datat 3 ta’ Awissu 2004 a fol. 53 ta-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tieghu datata 18 ta’ Awissu 2004 u dik tal-konvenut datata 9 ta’ Settembru 2004.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 7 ta’ Ottubru 2004; 5 ta’ Novembru 2004 fejn inghatat sentenza dwar it-tieni eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut.

Rat is-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 5 ta’ Novembru 2004 fejn giet michuda l-istess eccezzjoni kollox kif jidher minn kopja ta’ l-istess sentenza a fol. 163 sa fol. 164 tal-process.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 19 ta’ Jannar 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici; tat-22 ta’ Frar 2005 fejn Dr. Stefan Zrinzo

Azzopardi pprezenta l-affidavit ta’ l-attur b’kopja lill-kontro-parti u l-istess difensur talab zmien sabiex jirregola ruhhu dwar il-kontro-ezami *da parte* ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut; tas-16 ta’ Marzu 2005; 13 ta’ Mejju 2005; 4 ta’ Ottubru 2005 u 29 ta’ Novembru 2005 fejn xehed **Anthony Schembri** u Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi pprezenta affidavit ta’ **Anna Mifsud** u l-attur iddikjara li ma ghandux provi izjed u l-kawza giet differit ghat-8 ta’ Frar 2006 ghall-kontro-ezamijiet tal-attur.

Rat l-affidavit ta’ l-**attur** datat 22 ta’ Frar 2005 a fol. 168 tal-process prezentat b’nota ta’ l-istess data.

Rat ix-xhieda ta’ **Anthony Schembri** datata 29 ta’ Novembru 2005 a fol. 184 sa fol. 190 tal-process.

Rat l-affidavit ta’ **Anna Mifsud** datat 29 ta’ Novembru 2005 a fol. 191 sa 192 tal-process.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti datat 8 ta’ Frar 2006 fejn deher Dr. David Harding ghall-konvenut u l-attur u d-difensur tieghu Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux u ghalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata sabiex il-konvenut jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet ghall-kontro-talba tieghu bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-4 ta’ Mejju 2006.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-konvenut datata 17 ta’ Marzu 2006 u ta’ l-attur datata 25 ta’ April 2006.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti datat 4 ta’ Mejju 2006 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta’ Gunju 2006 u dak ta’ l-1 ta’ Gunju 2006 fejn l-partijiet trattaw l-kontro-talba tal-konvenut u t-tielet u r-raba’ eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut u dan *stante* li d-difensuri qabblu li l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta’ l-attur gew illum sorvolati u decizi; b’hekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2006.

Rat l-atti kollha tal-kawza, ix-xhieda w id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni dwar il-kontro-talba tal-konvenut fejn l-istess qed jallega li l-qbiela ta’ l-ghalqa maghrufa “Ta Hanzira” fil-limiti tal-lokal taz-Zurrieq/Safi favur l-attur giet terminata bi ftehim bejn il-partijiet odjerni u allura talab li jigi ddikjarat li in effett tali titolu ta’ qbiela gie effettivament terminat minhabba dan il-ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk l-istess attur ma ghandu ebda dritt sabiex iwaqqaf lill-konvenut milli jidhol fl-istess ghalqa u dan peress li l-istess attur ma baqaghlu ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess ghalqa. Illi dan huwa ghal kollox michud mill-konvenut li jsostni li ma kien hemm qatt ebda ftehim ta’ dan it-tip izda kien il-konvenut li abbusivament dahal fl-ghalqa tieghu u kien ghalhekk li huwa kien ghamel kawza ta’ spoll.

Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba qed issir din l-allegazzjoni mill-konvenut, allegazzjoni li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-attur jirrinuzja ghad-dritt ta’ qbiela fuq l-imsemmija ghalqa, huwa oneru ta’ l-istess konvenut li jipprova dan, u dan *in vista* tal-principju li min jallega jrid jipprova – u dan anke skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 652 tal-Kap 12** *“onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat”.* (**“Mifsud vs Mifsud”** A. C. 12 ta’ Novembru 2003).

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta illi l-ghalqa in kwistjoni kienet l-ewwel tinhadem minn missier l-attur Ganni Mifsud, u wara meta li l-istess ma felahx jahdem l-istess ghalqa, din bdiet tinhadem mill-attur. Illi l-ircevuti baqghu jsiru fuq isem missier l-attur kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti bhala Dok. “A” sa Dok. “F” mac-citazzjoni attrici.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-attur kien imur biex ihallas il-qbiela, u bhas-soltu halla il-ktieb tar-ricevuti ghand il-konvenut, u meta irritorna ghalih f’Ottubru, l-konvenut informah li ibnu kien thajjar jahdem l-istess ghalqa, u ghalhekk meta

taghlaq il-qbiela kellhom jergghu jitkellmu; izda l-ghalqa baqghet xorta tinhadem mill-attur, tant li zera’ patata u basal f’parti mill-istess ghalqa, u meta mar ma’ martu ghall-habta ta’ Novembru jew bidu ta’ Dicembru 1999 sabiex ikompli jahdem, laqghu l-konvenut, li sostna mieghu li kienu ftehmu qabel u l-ghalqa kien dahal fiha biex jizra’ l-qamh, sabiex jahdimha ibnu, u fil-fatt kompla jizra’ fil-bqija tal-ghalqa flimkien ma’ ibnu; l-attur min-naha tieghu thalla mill-konvenut jaqla’ l-patata li kellu mizrugha. Din fil-fatt iffurmat il-mertu ta’ kawza ta’ spoll li llum giet sorvolata, izda din il-Qorti thoss ukoll li mill-provi prodotti ma’ jirrizultax li l-attur ceda jew rrinunzja ghal xi dritt ta’ qbiela li kellu fuq l-istess ghalqa – u dan anke ghaliex il-ftehim allegat mill-konvenut effettivament jammonta ghal rinunzja tad-drittijiet ta’ l-attur fuq l-istess ghalqa, u liema rinunzja tad-drittijiet sabiex tipprevali trid tkun wahda cara, specifika, u espressa (**“Joseph Grima vs Brian German”** P.A. (RCP) 3 ta’ Ottubru 2001; **“Anton Spiteri vs Alfred Borg”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Novembru 2000), u certament li din il-Qorti thoss li din in-natura ta’ prova, necessarja u essenzjali sabiex tirnexxi t-tezi tal-konvenut hija ghal kollox mankanti f’din il-kontro-talba u certament li f’dan il-kuntest l-konvenut ma ssodisfax l-oneru ta’ prova li kien jinkombi lilu.

Illi fil-fatt it-tezi tal-konvenut tikkonferma li ma kienx hemm il-ftehim allegat minnu ghaliex meta huwa xehed qal li l-qbiela tal-istess ghalqa kienet tithallas bis-sena b’lura, u l-attur halla il-ktieb tal-qbiela ghand it-tfal u qalilhom sabiex il-qbiela ssir fuqu ghaliex missieru kien miet, izda peress li wliedu riedu l-istess ghalqa, meta l-attur gie ghall-ktieb tal-qbiela qallu li kien ser jehodlu l-ghalqa ghaliex l-ghalqa riedu jahdmuha wliedu; hawn il-kovenut stess jghid li l-attur ma qallu xejn ghalkemm zied jghid li lanqas qallu li ma riedx jatihielu.

Illi din il-Qorti ghalhekk thoss li anke jekk wiehed jiehu l-versjoni stess ta’ l-istess konvenut, l-kontro-talba tieghu ma tistax tirnexxi ghaliex certament li dak li huwa xehed li gara lanqas iwassal ghall-konkluzjoni li kien hemm xi forma ta’ ftehim fejn l-attur ceda d-drittijiet ta’ qbiela li kellu fuq l-istess art jew li b’xi mod l-istess attur irrinunzja ghall-

istess dritt ta’ qbiela fuq l-istess ghalqa jew b’xi mod ceda xi dritt li kellu fuq l-istess ghalqa.

Illi anzi il-fattispecie kollha tal-kaz juru proprja l-kuntrarju tant li l-istess attur baqa’ jahdem l-istess ghalqa anke wara l-allegat ftehim bejn il-partijiet; mhux biss izda meta l-konvenut qed jghid li qal lill-attur li kien qed jahseb li ma jgeddidx il-qbiela ta’ l-ghalqa lill-attur u dan minhabba l-mewt ta’ missier ta’ dan ta’ l-ahhar u peress li ried jaghddiha lill-ibnu, huwa xorta wahda ghamel ricevuta ta’ qbiela ghas-sena 1999 anke jekk nizzel isem missier l-attur, li kien jaf li kien mejjet, ghaliex kien informah b’dan l-attur stess; huwa sinifikanti li minkejja li l-konvenut allega dan il-ftehim xorta ghamel u kiteb ricevuta ta’ qbiela u ma nizzel xejn fuq l-allegat ftehim illum minnu vantat, biss wara li l-attur ghamel kontra tieghu azzjoni ta’ spoll. Huwa sinfikanti wkoll li fuq kollox, minkejja li l-konvenut qed jghid li kien hemm xi forma ta’ ftehim – l-konvenut qatt ma’ qal li l-attur accetta l-proposta tieghu, izda qed jibbaza kollox fuq l-allegazzjoni li meta wera lill-attur li huwa kien behsiebu jiehu l-ghalqa lura, l-attur ma qallu xejn – cirkostanzi li, anke kieku ppruvati - lanqas iwasslu sabiex jinghad li kien hemm xi forma ta’ ftehim allegat mill-konvenut u certament din il-Qorti thoss li mill-provi kollha prodotti ma hemm l-ebda prova li l-attur b’xi mod irrinunzja ghad-dritt ta’ qbiela li kellu fuq l-istess ghalqa, u lanqas hemm prova li l-istess attur irrinunzja b’xi mod ghal xi dritt kwalunkwe fuq l-istess ghalqa, la favur il-konvenut u lanqas favur xi persuna ohra.

Illi dan huwa konfortat mill-fatt li kif inghad l-attur dejjem baqa’ jahdem l-ghalqa in kwistjoni u dan anke qabel mal-konvenut dahal fl-istess ghalqa fl-incident imsemmi mertu tal-kawza ta’ spoll, tant li mill-provi jirrizulta illi l-istess attur kien jahdem l-istess ghalqa anke qabel ma miet missieru, li kellu l-qbiela tal-istess ghalqa. Din il-Qorti tikkonferma wkoll li meta l-konvenut qabad u dahal fl-istess ghalqa dan ghamlu bil-mohbi ta’ l-attur u certament minghajr il-kunsens ta’ l-istess.

Illi fil-fatt ix-xhieda tal-konvenut, apparti li hija inverosimili u bl-ebda mod ma giet ikkorroborata, anzi hija kontradetta

mill-attur, turi li din hija biss ibbazata fuq supposizzjonijiet u certament dawn ma jammontaw bl-ebda mod ghall-grad ta’ prova rikjest mill-ligi sabiex l-kontro-talba tal-konvenut tirnexxi; anzi mill-provi prodotti jirrizulta proprju l-kuntrarju, tant li x-xhieda ta’ bin il-konvenut stess, Anthony Schembri, tikkonferma li l-attur baqa’ jahdem l-istess raba’ u kien sorpriz sew meta ra li huwa u missieru (l-konvenut kien dahhlu fl-ghalqa li kien jahdem huwa).

Illi f’dan il-kuntest jinghad ukoll li l-versjoni tal-konvenut moghtija fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2001 hija inverosimili nkluz fejn jghid li meta mar l-ghalqa, wara l-allegat ftehim ma’ l-attur, l-attur kien qallu li nesa’ jghidlu li kien zera’ l-patata fl-istess ghalqa, li suppost kien hemm skond il-konvenut ftehim ma’ l-attur li dan kien ser icedi; il-versjoni tal-konvenut tikkontrasta wkoll mal-fatt li wara dan is-suppost ftehim l-attur baqa’ jahdem l-ghalqa u dan il-konvenut kien jaf bih ghaliex meta huwa stess mar l-ghalqa ra parti minnha ghadha mahduma mill-attur, u fl-ahharnett il-versjoni tieghu tikkontrasta sew mal-fatt li huwa stess kiteb ricevuta ghas-sena 1999, ghalkemm xorta wahda ghamilha fuq isem missier l-attur, li kien jaf li kien mejjet.

Illi din il-Qorti thoss li l-versjoni ta’ l-attur f’dan ir-rigward giet effettivament ippruvata u kkorroborata anke mix-xhieda ta’ martu u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz u hija aktar verosimili, u jidher car li l-konvenut ipprova jipprofitta ruhu mill-mewt ta’ missier l-attur u ttenta jiehu l-ghalqa ghalih, izda kif gja inghad ftehim dwar dan qatt ma kien hemm ma’ l-attur, anzi jidher car mix-xhieda konstanti ta’ l-attur, inkluza dik ta’ l-affidavit tieghu, li huwa dejjem insista li kellu dritt ta’ qbiela fuq l-istess ghalqa, kien u ried jibqa’ jahdimha u ried li l-istess ricevuti ta’ qbiela jsiru fuqu, haga li l-konvenut kien qed jirrezisti ghall-iskopijiet tieghu. Il-posizzjoni ta’ l-attur hija konsistenti max-xhieda ta’ martu stess li kkonfermat li l-istess attur kien preokkupat bl-intenzjoni tal-konvenut, izda huwa car u ppruvat li l-attur qatt ma accetta l-proposta tal-konvenut, anzi gie ppruvat li rrufjuta tali proposta u din il-Qorti thoss li t-tezi ta’ l-attur hija l-unika wahda kredibbli u konsistenti fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha prodotti.

Certament li din il-Qorti thoss li l-konvenut ma ssodisfax l-oneru ta’ prova li kien jinkombi fuqu u ghalhekk it-talbiet tieghu fil-kontro-talba minnu proposta ghandhom u qed jigu michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi dwar il**-kontro-talba tal-konvenut** Giuseppi Schembri datata 8 ta’ Frar 2000, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ t-tielet u raba’ eccezzjoni ta’ l-attur fin-nota ta’ l-ecccezzjonijiet tieghu datata 28 ta’ Frar 2000 ghall-kontro-talba tal-konvenut datata 8 ta’ Frar 2000, **tichad t-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu datata 8 ta’ Frar 2000** *stante* li kif hawn deciz hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kollha a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------